**31 ta' Lulju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech,

Lawrence Azzopardi u Gino Calleja

**Avukat Ġenerali - Att ta' Akkuża - Korrezzjoni fl-Att ta' Akkuża - Ko-akkużati**

*L-artikolu 435 (1) tal-Kodiċi Kriminali dejjem ingħata l-interpretazzjoni illi għall-fini ta' l-istess ikun suffiċjenti jekk ir-reat li jkun jifforma s-sostanza ta' l-att ta' l-akkuża jkun jirriżulta imqar mir-rapport ġuramentat tal-prosekutur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-kumplament, ċjoè dwar jekk ikunx jirriżulta ukoll mill-provi u dokumenti li jkunu nġabru fil-kumpilazzjoni, dejjem ġie ritenut li dik hija materja li eventwalment trid tiġi riservata għal min għandu jiġġudika fuq il-fatti, fil-każ tal-Qorti Kriminali, il-ġurati.*

*L-artikolu 597 (1) tal-Kodiċi Krimianli jagħti d-dritt lill-Qorti* ex officio *illi purchè ma jiżdied xejn fl-att ta' l-akkuża li jkun jista' jagħmel iżjed gravi r-reat, tagħmel dawk il-korrezzjonijiet meħtieġa. Una volta li l-Qorti Kriminali ma tkunx sodisfatta li l-*iter *tal-ġustizzja jkun sejjer jiġi servut aħjar bil-mod li l-Avukat Ġenerali jkun qed jitlob tali korrezzjoni, jkollha kull dritt li tassigura li l-att ta' l-akkuża jiġi korrett in sintonija mad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti:-

Din hija sentenza fuq erba' appelli li ġew interposti minn sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali mogħtija fil-15 ta' Diċembru, 1997 fil-proċess li l-okkju jirreferi għalih, u liema sentenza taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat l-att ta' l-akkuża 43/96;

Rat in-nota ta' l-akkużat Gino Calleja tat-18 ta' Novembru, 1996 li permezz tagħha huwa indika diversi xhieda in difesa; rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-20 ta' Novembru, 1996 li permezz tagħha l-imsemmi Avukat Ġenerali eċċepixxa l-inammissibilità ta' dawn ix-xhieda;

Rat in-noti ta' l-akkużat Lawrence Azzopardi (25/11/96), Joseph Fenech (26/11/96), Martin Zammit (26/11/96) u Domenic Zammit (26/11/96) li permezz tagħhom l-imsemmija *akkużati indikaw diversi xhieda in difesa u ssollevaw diversi* eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali pprezentata fil-kors ta' l-udjenza ta' l-10 ta' April, 1997 li permezz tagħha l-imsemmi Avukat Ġenerali irtira parti mill-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tax-xhieda aktar 'il fuq imsemmija;

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-10 ta' April, 1997 *li permezz tiegħu talab korrezzjoni fl-ewwel kap ta' l-att ta'* akkuża; rat ir-risposti oppositorji ta' l-akkużati kollha għal din it-talba;

Rat in-nota ta' l-akkużat Gino Calleja tat-18 ta' Lulju, 1997 li permezz tagħha indika dak li jrid li jiġi ppruvat bix-xhieda tal-ko-akkużati Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech;

Rat l-atti l-oħra kollha relevanti; *ikkunsidrat:*

Ser tiġi kkunsidrata l-ewwel l-eċċezzjoni ta' inammissibilità ssollevata mill-Avukat Ġenerali fil-konfront tal-ko-akkużati Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech (l-eċċezzjoni fil-konfront ta' Toni Abela ġiet irtirata). Dawn it-tliet xhieda - li huma ukoll tlieta mill-akkużati odjerni - qed jiġu

indikati bħala xhieda mill-akkużat Gino Calleja. Il-Qorti tosserva li fin-nota ta' xhieda tagħhom, l-akkużati Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech jindikaw bħala xhud lil Gino Calleja li, mill-indirizz mogħti, il-Qorti tifhem hu l-ko-akkużat Gino Calleja. Fil-konfront ta' dan ix-xhud, mitlub mill-akkużati Zammit, Zammit u Fenech, l-Avukat Ġenerali ma ssolleva ebda eċċezzjoni ta' inammissibilità. Minkejja dan, peress li fil-fehma tal-Qorti l-kwistjoni ta' l-ammissibilità ta' xhud ibbażata fuq il-kompetenza tiegħu bħala tali skond il-liġi (bħal, per eżempju, l-inkompetenza tal-mara jew ir-raġel ta' l-akkużat jew akkużata) hi materja ta' ordni pubbliku u għalhekk sollevabbli mill-Qorti *ex officio*, din il-Qorti qed tissolleva hija stess il-kwistjoni ta' l-ammissibilità o meno ta' l-imsemmi Gino Calleja kif mitlub minn tliet mill-ko-akkużati l-oħra;

Kwantu għal dawn ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkużati, il-ġurisprudenza, ibbażata kemm fuq il-liġi kif ukoll fuq il-buon sens, hi ċara. Persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-ieħor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż. Dan il-prinċipju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkużata fl-istess kawża ta' l-akkużat l-ieħor - b'mod li jkun hemm "ko-akkużat" fil-veru sens tal-kelma - u sia jekk tkun ġiet akkużata fi proċeduri separati. Fi kliem il-kompjant Imħallef William Harding:

"*Maltese Law, in fact, in section 632, Chapter 12* (illum 636, Kap. 9), *considers as incompetent to give evidence (except of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to. Maltese law does not make any distinction as to whether the evidence of the co-defendant is required by the proseuction or by another defendant*" (**P. *vs* Alfred W. Luck *et***, App. Krim., 25/4/1949);

Il-Qorti tagħmel referena ukoll għas-segwenti deċiżjonijiet: **R. *vs* Filippo Pace**, Qorti Kriminali, 14/11/1890, ***R. vs Carmelo Cutajar ed altri***, *Qorti Kriminali 18/1/1927*, ***P. vs* Toni Pisani**, App. Krim. 11/11/1944, **R. *vs* Karmnu Vella**, Qorti Kriminali, 3/12/1947. Fil-fehma ta' din il-Qorti anqas hu relevanti il-punt, issollevat mill-abbli difensur ta' l-akkużat Calleja in segwitu għan-nota ta' dan l-akkużat tat-18 ta' Lulju, 1997 li d-deposizzjoni tal-ko-akkużati Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech hi rikjesta fuq fatt wieħed jew fuq ċirkostanza limitata; għax kieku dawn it-tlieta kellhom jiġu ammessi biex jixhdu bħala xhied in difesa, tkun tapplika għalihom l-ewwel parti ta' l-artikolu 643 tal-Kodiċi Kriminali u mhux dik il-parti ta' l-artikolu 634 (1) li tgħid li akkużat li jitla' jixhed irid iwieġeb għad-domandi kollha in kontro-eżami anke jekk bir-risposti għalihom huwa jista' jinkrimina ruħu fir-rigward tar-reat li bih ikun imputat jew akkużat. Fi kliem ieħor, kieku l-ko-akkużat *kellu jiġi ammess bħala xhud in difesa faċilment tinħoloq is-sitwazzjoni fejn hu jagħżel li ma jiħux il-*pedana minn jeddu u b'hekk jevita li jkollu jwieġeb għal mistoqsijiet in kontro-eżami. Kjarament dan ma jkunx fl-interess tar-retta ammistrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk ir-regola li dejjem ġiet abbraċċjata mill-Qrati tagħna hi fis-sens li l-ko-akkużat mhux produċibbli bħala xhud la mill-prosekuzzjoni u anqas minn ko-akkużat ieħor sakemm il-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament deċiż. Il-Qorti ma tarax li f'dana l-istadju u għall-finijiet ta' *din id-deċiżjoni għandha* tidħol fil-kwistjoni dwar jekk ko-akkużat li jieħu l-pedana minn jeddu u jgħid xi ħaġa li taġevola ossia tivvantaġġa ko-akkużat ieħor (a differenza ta' tippreġudikah - artikolu 661), jekk dak li jkun intqal jistax jittieħed bi prova favur dak il-ko-akkużat l-*ieħor. Għalhekk din il-Qorti ser tiddikjara bħala inammissibbli* x-xhieda Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech indikati mill-akkużat Gino Calleja, kif ukoll *ex officio* qed tiddikjara inammissibbli x-xhud Gino Calleja indikat mill-akkużati Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech;

Kwantu għall-eċċezzjonijiet preliminari, l-akkużati Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech qed jeċċepixxu n-nullità ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża u dana għal tliet raġunijiet: (1) għax ma ġietx osservata d-disposizzjoni tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali; (2) għax ma hemmx id-dettalji ta' fatt rikjesti bil-paragrafu (ċ) ta' l-imsemmi artikolu 589; u (3) għax dan il-kap sar bi ksur ta' l-artikolu 435 (1) tal-Kap. 9 fis-sens li r-reat ma joħroġx mill-kumpilazzjoni li saret. Il-Qorti ser tiddisponi l-ewwel minn din l-eċċezzjoni fuq dawn il-motivi. Il-Qorti taqbel ma' dawn l-akkużati li l-mod kif hu miġjub jew imfisser ir-reat fil-parti akkużatorja ta' l-ewwel kap hu difettuż, u ma jissodisfax dak li jirrikjedi l-paragrafu (d) ta' l-artikolu 589. Tali difett, iżda, ma jwassalx neċessarjament għan-nullità tal-kap ta' l-akkuża (ara l-artikolu 597 (1) (2) (3)). Il-Qorti ma taqbilx però li dan il-kap sar bi ksur tal-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 589 jew bi ksur ta' l-artikolu 435 (1). Il-kap fih dettalji biżżejjed li jissodisfaw l-imsemmi paragrafu (ċ) u li jiddeskrivu, mingħajr ħafna dettalji, fatti li jammontaw għar-reat ta' użu xjenti ta' dokumenti foloz (artikolu 184), li hu evidentement ir-reat li jrid iġib l-Avukat Ġenerali f'dan l-ewwel kap. Kwantu għall-artikolu 435 (1) tal-Kodiċi Kriminali, meta l-liġi tgħid li r-reat irid ikun joħroġ "mill-kumpilazzjoni li tkun saret", trid tfisser lir-reat miġjub fl-att ta' akkuża jrid ikun wieħed li dwaru tkun saret kumpilazzjoni. Jekk tkunx saret kumpilazzjoni dwar dak ir-reat jirriżulta prinċipalment minn jekk dak ir-reat ikunx inġieb fir-rapport ġuramentat ta' l-uffiċjal prosekutur fil-bidu tal-kumpilazzjoni; u huwa biss f'każ li jkun hemm xi diverġenza (li ma tridx, però, tkun waħda sostanzjali - ara s-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 435) bejn l-akkuża kif miġjuba fl-istruttorja u l-akkuża kif miġjuba fl-att ta' akkuża li l-Qorti għandha tħares lejn il-provi miġjuba f'dik il-kumpilazzjoni biex tara jekk dak ir-reat ikunx "jitnissel" minn dik l-istess kumpilazzjoni (ara f'dan is-sens **il-Maestà Tiegħu ir-Re *vs* Pawlu Vella**, Qorti Kriminali, 3/9/1942, IV.318). Mir-rapport ġuramentat a fol. 1

ta' l-attijiet tal-kumpilazzjoni tirriżulta b'mod ċar l-imputazzjoni ta' użu xjenti ta' dokumenti foloz bi ksur ta' l-artikolu 184. Jekk ikunx hemm provi biżżejjed biex jissostanzjaw dik l-akkuża hija kwistjoni oħra, u li tiġi deċiża fl-ewwel lok mill-Maġistrat Istruttur skond l-artikolu 401 (2) (ara fol. 744 tal-kumpilazzjoni) u fit-tieni lok u definittivament mill-ġudikant tal-fatt, il-ġurati;

L-akkużat Lawrence Azzopardi qed jeċċepixxi n-nullità kemm ta' l-ewwel kif ukoll tat-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuża. Bl-ewwel tliet paragrafi tan-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu, dana l-akkużat qiegħed bażikament jgħid li r- "reat" kif deskritt fil-parti akkużatorja mhu reat xejn. Din l-eċċezzjoni hi sostanzjalment l-istess waħda ssollevata mill-akkużati Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech u hi bbażata fuq il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 589. Meta l-Avukat Ġenerali jakkuża lil ħames akkużati "talli xjentement għamlu użu minn att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat" mhu qed jakkuża effettivament b'ebda reat. Hu evidenti li l-Avukat Ġenerali ried jakkuża bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 184, iżda d-diċitura minnu użata hija monka. Dan id-difett hu wieħed sanabbli. Eċċezzjoni oħra ta' l-akkużat Azzopardi hi fis-sens li dan l-ewwel kap huwa null peress li ma hemmx in-ness jew konnessjoni prevvista mil-liġi fl-artikolu 592 tal-Kodiċi Kriminali sabiex huwa jkun ko-akkużat mal-ko-akkużati l-oħra. Din l-eċċezzjoni ser tiġi respinta. Ir-raba' paragrafu ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuża jgħid testwalment:

"Irriżulta ukoll li Dominic Zammit u Joseph Fenech kienu qegħdin jixtru dawn iċ-ċekkijiet foloz minn Ruma u kienu, flimkien ma' Martin Zammit, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja, qegħdin xjentement jagħmlu użu minnhom hawn Malta";

L-Avukat Ġenerali qiegħed jakkuża lill-ħames akkużati bħala awturi fl-istess reat (reat li, minkejja r-referenza għall-artikolu 18, anqas qed jiġi miġjub bħala wieħed kontinwat, kif anke jirriżulta mill-piena mitluba) u mhux bħala ħatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom. Konsegwentement mhux applikabbli l-artikolu 592 tal-Kodiċi Kriminali;

Għal dak li jirrigwarda t-tieni kap, l-akkużat Lawrence Azzopardi qiegħed jeċċepixxi n-nullità ta' dan il-kap a bażi tal-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 589, ċjoè għax ma hemmx il-fatti u d-dettalji dwar ir-reat miġjub f'dak il-kap. Din il-Qorti, però, kif diġà fissret a rigward ta' l-ewwel kap għalkemm il-parti espositiva hija redatta b'parsimonija kbira fl-użu tal-kliem, tara li l-imsemmi paragrafu (ċ) huwa sodisfatt. Fl-aħħarnett l-imsemmi Azzopardi jeċċepixxi n-nullità ta' dan it-tieni kap għall-istess raġuni miġjuba fir-rigward ta' l-ewwel kap, u ċjoè minħabba li ma hemmx in-ness meħtieġ skond l-artikolu 592. Għall-istess raġunijiet mogħtija fir-rigward ta' l-ewwel kap, din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta;

Bir-rikors tiegħu ta' l-10 ta' April, 1997, l-Avukat Ġenerali talab korrezzjoni fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża, fis-sens li fil-parti akkużatorja (il-ħames u s-sitt paragrafu) l-akkuża tiġi taqra "... ħatja talli xjentement għamlu użu minn att awtentiku u pubbliku falz jew fi skrittura kummerċjali falza jew ta' bank privat". L-akkużati kollha oġġezzjonaw għal din il-korrezzjoni. Dawn l-oġġezzjonijiet, però, huma kollha infondati. Kif diġà ingħad, huwa evidenti, speċjalment mill-fatti kif esposti fl-ewwel kap, li r-reat li kien qed jikkontempla l-Avukat Ġenerali kien dak prevvist fl-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali. Id-diċitura minnu użata fil-parti akkużatorja però, kienet monka. L-unika restrizzjoni li tagħmel il-liġi hi li meta ssir korrezzjoni ebda ħaġa ma għandha tiżdied li tkun tista' tagħmel aktar gravi r-reat. Bit-talba ta' l-Avukat Ġenerali, u kieku din kellha tintlaqa', ma jistax jingħad li r-reat ikun qed

isir aktar gravi, u dan peress li l-piena mitluba tibqa' l-istess (ara **Ir-Repubblika ta' Malta** ***vs*** **Carmel** ***sive*** **Charles Farrugia, Salvu Gauci u Joseph Falzon**, App. Krim. 24/10/ 1986). Din il-Qorti però, mhix ser tilqa' t-talba ta' l-Avukat Ġenerali peress li mhix sodisfatta li l-kliem li qed jitlob li jidħlu huma ċari biżżejjed, u għalhekk ser tordna korrezzjoni *ex officio*;

Għall-motivi premessi:

Tiċħad it-talba ta' l-Avukat Ġenerali kkontenuta fir-rikors tiegħu ta' l-10 ta' April, 1997;

Tordna, a tenur ta' l-artikolu 597 (1) tal-Kodiċi Kriminali, li fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża, minflok il-kliem "ħatja talli xjentement għamlu użu minn att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat" kull fejn dawn jirrikorru fil-ħames u fit-sitt paragrafu, jidħlu l-kliem "ħatja talli xjentement għamlu użu minn att awtentiku u pubbliku falsifikat jew minn kitba jew skrittura kummerċjali jew ta' bank privat falsifikati b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi nħolqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żdiedu jew tbiddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kelhom jippruvaw";

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-akkużati Lawrence Azzopardi, Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilità tax-xhieda Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech li qed jitlob

li jipproduċi l-akkużat Gino Calleja u konsegwentement tiddikjara dawn ix-xhieda inammissibbli;

Tiddikjara inammissibbli ix-xhud Gino Calleja indikat finnota ta' l-akkużati Domenic Zammit, Martin Zammit u Joseph Fenech";

Mis-sentenza msemmija appellaw l-akkużati Lawrence Azopardi, Joseph Fenech, Martin Zammit u Domenic Zammit. Ilkoll qegħdin jitolbu riforma tas-sentenza appellata in kwantu din a tenur ta' l-artikolu 597 tal-Kodiċi Kriminali u riferribilment għall-ewwel kap ta' l-akkuża, ordnat *marte proprio* l-korrezzjoni fl-istess att ta' l-att ta' l-akkuża kif tidher fis-sentenza appellata u ċaħditilhom l-eċċezzjonijiet tagħhom relattivi għal dan il-kap. Mill-kumplament tas-sentenza appellata m'hemmx appell;

In suċċint, is-sottomissjoni prinċipali ta' l-appellanti tikkonsisti fl-argumenti li ġejjin:

L-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddisponi mill-eċċezzjonijiet mogħtija minnhom kif fil-fatt għamlet. Huma kienu fil-fatt irċevew att ta' l-akkuża li ma kienx jikkontjeni jew jiddeskrivi fatti li b'xi mod kienu jammontaw għal reat;

L-artikolu 597 (1) tal-Kodiċi Kriminali testwalment jgħid li xejn ma jista' jiżdied li jirrendi r-reat ta' natura aktar gravi. Jekk il-liġi tipprojbixxi li dan isir *multo magis*, għandu jiġi ritenut li l-liġi tipprojbixxi li ssir korrezzjoni li tikkrea reat, meta l-akkuża hi waħda ta' fatt li ma jikkostitwixxix reat;

Hawn non si tratta ta' kwistjoni ta' parsimonija fiddeskrizzjoni ta' reat; din hija kwistjoni *toto coelo* differenti: huma ġew akkużati b'fatt li ma jikkostitwixxix reat;

L-Avukat Ġenerali dan fehmu sewwa u kien għalhekk li talab korrezzjoni a tenur ta' l-artikolu 597 (2) tal-Kodiċi Kriminali; iżda anke din il-korrezzjoni - salv il-validità tagħha - ġiet respinta mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

Konsegwentement il-korrezzjoni ordnata *marte proprio* mill-Qorti Kriminali, a tenur ta' l-artikolu 597 (1) mhux aktar applikabbli għall-każ. Dan peress li l-artikolu invokat mill-Avukat Ġenerali hu dak taħt il-provvediment ta' l-artikolu 597 (2) ta' l-istess Kodiċi. L-Ewwel Onorabbli Qorti, skond l-appellanti, setgħet tilqa' jew ma tilqax il-korrezzjoni mitluba mill-Avukat Ġenerali, però ma setgħetx f'din iċ-ċirkostanza legali, tassumi il-vesti ta' Avukat Ġenerali fil-funzjoni tiegħu ta' prosekutur pubbliku u tagħmel korrezzjoni kif jidhrilha hi;

Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjonijiet l-oħra ta' l-akkużati, dawn kienu konsegwenzjali għall-eċċezzjoni l-oħra magħmula u respinta mill-Ewwel Onorabbli Qorti:

Ikkunsidrat:

Għall-preċiżjoni għandu jiġi osservat illi kif jirriżulta mis-sentenza appellata, l-akkużati kellhom xi eċċezzjonijiet oħra li ġew trattati fl-istess sentenza u li ġew miċħuda bħala konsegwenza tal-mod kif l-Ewwel Onorabbli Qorti dehrilha li kellha tiddisponi mill-kwistjoni tal-korrezzjoni ta' l-att ta' l-akkuża. Ċjoè, qiegħed jiġi ċċarat illi l-ilment ta' l-appellanti f'din l-istanza jirreferi ukoll iċ-ċaħda ta' dawk l-eċċezzjonijiet fis-sens illi ngħad, bil-konsegwenza, illi hu evidenti, illi kollox huwa marbut ma' jekk dak li ddeċidiet l-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tal-korrezzjoni għandux jiġu kkonfermat jew le;

L-appellanti jikkritikaw ukoll is-sentenza appellata in kwantu din tirreferi għal minnhom allegat ksur ta' l-artikolu 435

(1) tal-Kodiċi Kriminali u jissottomettu li ma jaqblux ma' l-interpretazzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti meta din tgħid f'dan ir-rigward illi wieħed għandu jħares lejn jekk dak ir-reat ikunx inġib fir-rapport ġuramentat ta' l-Uffiċjal Prosekutur fil-bidu tal-kumpilazzjoni. Huma jissottomettu illi wieħed għandu jagħmel referenza għal dak li tgħid preċiżament il-liġi fl-imsemmi artikolu u ċjoè li r-reat irid ikun joħroġ mill-kumpilazzjoni li tkun saret. Skond huma, il-kelma kumpilazzjoni mkien ma tirriżulta li għandha tingħata tifsira ristretta kif qed tgħid l-Ewwel Onorabbli Qorti u ċjoè li hija biss limitata għar-rapport ġuramentat ta' l-Uffiċjal Prosekutur fil-bidu tal-kumpilazzjoni. Allura, jissottomettu, una volta l-liġi hi siekta fuq dan il-punt, il-kelma kumpilazzjoni fl-artikolu 435 (1) tal-Kap. 9, għandha tingħata t-tifsira normali u leġittima tagħha fis-sens ampju li tinkludi r-rapport ġuramentat ta' l-Uffiċjal Prosekutur, xhieda, provi u dokumenti oħra, li fl-assjem tagħhom jagħmlu kumpilazzjoni sħiħa u skond il-liġi;

Din il-Qorti ser tibda proprju b'dan l-aħħar punt biex tiċċara l-posizzjoni legali kif inhi u kif dejjem ġiet ritenuta minn dawn il-Qrati fis-snin passati;

F'dan ir-rigward jingħad illi l-artikolu 435 (1) dejjem ingħata *l-interpretazzjoni illi għall-fini ta' l-istess, ikun* suffiċjenti, jekk ir-rat li jkun jifforma s-sustanza ta' l-att ta' l-akkuża jkun jirriżulta imqar mir-rapport ġuramentat tal-prosekutur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-kumplament, ċjoè dwar jekk ikunx jirriżulta ukoll mill-provi u dokumenti li jkunu nġabru fil-kumpilazzjoni, dejjem ġie ritenut, li dik hija materja li eventwalment trid tiġi riservata għal min għandu jiġġudika *fuq il-fatti, fil-każ tal-Qorti Kriminali, il-ġurati. Għalhekk, dak* li qed jissottomettu l-appellanti fir-rigward mhux legalment korrett;

Stabbilit dan, din il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-meritu proprju ta' l-appell, li kollu kemm hu jiddependi minn x'poteri kellha l-Ewwel Onorabbli Qorti taħt l-artikolu 589 tenut kont ta' kif kien redatt l-att ta' l-akkuża;

Din il-Qorti tibda biex tiċċara illi l-prinċipju ġenerali li jirrigwarda l-korrezzjonijiet li possibilment jistgħu jsiru għall-att ta' l-akkuża huwa mfisser mill-pargrafu (1) ta' l-artikolu 597 tal-Kodiċi Kriminali li testwalment jgħid "Il-Qorti tista', sew *ex officio*, kemm ukoll fuq eċċezzjoni ta' l-akkużat, tordna l-korrezzjoni ta' l-att ta' l-akkuża, basta li dan isir qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-mistoqsija jekk hux ħati jew le, iżda ebda ħaġa ma għandha tiżdied fl-att ta' l-akkuża li tkun tista' tagħmel iżjed gravi r-reat";

Fil-paragrafu (2) l-istess artikolu jipprovdi illi "dan l-ordni, jista' jingħata ukoll fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali kull meta jkun hemm żball jew difett fl-att ta' l-akkuża u ukoll meta minħabba dan l-iżball jew difett, l-akkużat ikun ta l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-att ta' l-akkuża jew il-Qorti *ex officio* tkun qanqlet il-kwistjoni tan-nullità ta' l-att ta' l-akkuża";

Finalment fil-paragrafu (3), imbagħad l-istess artikolu jipprovdi illi meta l-korrezzjoni ta' l-att ta' l-akkuża tiġi ordnata mill-Qorti *ex officio*, jew fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali, l-akużat jista' jitlob li l-kawża tiġi mħollija għal ġuranata oħra, sabiex ilesti d-difiża;

Hemm imbagħad ukoll l-artikolu 599 ta' l-istess Kodiċi li qed jissemma' biss in kwantu hu indikattiv tal-poteri vasti li għandha l-Qorti għal dik li hija korrezzjoni ta' żbalji fl-att ta' l-akkuża meta n-neċessità għal dan toħroġ mill-provi miġjuba waqt il-kawża u biex tiġi senjalata ukoll il-volontà tal-leġislatur illi kemm hu possibbli l-*iter* tal-ġustizzja ma jiġix intralċjat

minn ostakoli proċedurali u fl-istess ħin tissalvagwarda d-dritt ta' l-akkużat illi ma jiġix proċessat fuq akkużi oħra li ma kinux oriġinarjament ikkontemplati fl-att ta' l-akkuża;

Jista' jiżdied ukoll f'dan l-istadju tas-sentenza illi donnu l-liġi tagħmel distinzjoni bejn il-każ meta t-talba għall-*korrezzjoni ta' l-att ta' l-akkuża ssir mill-Avukat Ġenerali u* meta t-talba ssir mill-akkużat jew inkella l-korrezzjoni ssir mill-Qorti *ex officio*. Jidher illi l-prinċipju illi ebda ħaġa ma għandha tiżdied fl-att ta' l-akkuża li tkun tista' tagħmel iżjed gravi r-reat jissemma' biss mil-liġi fil-paragrafu (1) ta' l-artikolu 597 u ċjoè, meta l-korrezzjoni ssir mill-Qorti stess jew meta tintalab mill-akkużat;

Stabbilit dan, din il-Qorti tosserva qabel xejn illi ma hemmx dubbju illi fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża l-fatti kif elenkati huma lakoniċi tant illi kif jirriżulta mill-atti proċesswali, anke l-istess Avukat Ġenerali, wara li ngħataw l-eċċezzjonijiet fir-rigward ħass in-neċessità li jitlob korrezzjoni. Dana bħala fatt ukoll ġie rrilevat mill-Ewwel Onorabbli Qorti u din il-Qorti taqbel magħha;

Daqstant ieħor huwa ċar ukoll, però, illi l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża ma jħallix dubbju dwar x'akkuża kienet qed tinġieb fil-konfront ta' l-akkużati u ċjoè dik tar-reat kontinwat kif deskritt fl-artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali, u ċjoè r-reat kontinwat ta' min xjentement jagħmel użu minn dokumenti foloz, konsistenti f'atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat foloz jew falsifikati. Infatti l-parti finali ta' dan l-istess l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża espressament jgħid: "Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja ħatja talli xjentement għamlu użu minn att awtentiku u pubbliku jew fi

skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, u talab illi jintgħamel skond il-liġi u illi kull wieħed minnhom jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-*reklużjoni jew mingħajrha skond dak li hemm maħsub u jintqal* fl-artikolu 18, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' tingħata skond il-liġi għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużat";

Anke hawn din il-Qorti mingħajr eżitazzjoni ta' xejn taqbel ma' l-Ewwel Onorabbli Qorti illi dan il-paragrafu finali ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża kellu jiġi redatt xi ftit jew wisq aktar dettaljatament u mhux lakonikament kif wieħed jista' josserva, u li ċertament l-aħjar mod kif kellha tiġi deskritta l-akkuża *ut sic*, huwa kif l-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeskriviet fil-korrezzjoni minnha awtorizzata;

S'intendi l-punt kruċjali huwa jekk l-Ewwel Qorti setgħetx anke bit-talba għall-korrezzjoni intavolata mill-Avukat Ġenerali, taġixxi kif aġixxiet, ċjoè billi għax m'għoġbitx dik it-talba għall-korrezzjoni ċaħditha u ssostitwitha bil-korrezzjoni tagħha *ex officio*;

Fil-fehma tagħha din il-Qorti jidhrilha illi dak li hu rilevanti bħala osservazzjonijiet li fuqhom imbagħad tittieħed *id-deċiżjoni huma s-segwenti:*

Għalkemm huwa veru illi fil-parti akkużatorja, ċjoè fil-paragrafu finali ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża, l-Avukat *Ġenerali bl-iktar mod ovvju ħalla barra l-kelma falz jew falza* jew falsifikati u uża biss il-kliem "ħatja talli xjentement għamlu użu minn att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat", fl-istess ħin, kif ġà ngħad, ma jistax ikun hemm dubbju dwar x'tip ta' akkuża speċifikatament kienet qed tingħata u dan minħabba r-riferenza espressa illi hemm għall-

artikoli 18, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali. Jiġifieri qiegħed jiġi rrilevat minn din il-Qorti illi fil-fehma tagħha, ma seta' qatt ikun hemm dubbju illi l-appellanti kienu qegħdin jiġu akkużati, kif ingħad, bir-reat kontinwat ta' użu xjenti ta' dokumenti foloz li għalihom jirreferi l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali. Dan ifisser illi taħt kull ċirkostanza, kif tħares lejha din il-Qorti, ċertament kien ikun il-każ, illi ssir korrezzjoni appożita, biex jekk, kif jirriżulta f'dan il-każ, tkun tħalliet barra kelma bħal falz, falza jew falsifikat dan jiġi rrimedjat u ma jiġix stultifikat l-ispirtu kollu tal-liġi, li kif ingħad, ma tridx illi l-*iter* tal-ġustizzja jiġi ostakolat kapriċċożament meta l-affarijiet huma ovvji;

Imbagħad mill-parti deskrittiva tal-fatti kif tirriżulta mill-ewwel kap ta' dan l-att ta' l-akkuża, anke jekk kif ingħad dawn huma lakonikament deskritti, u ċertament setgħu ngħataw aktar dettalji, huwa xorta waħda indikat espressament li hawn si tratta ta' użu minn ċekkijiet foloz u l-użu xjenti tagħhom da parti ta' l-akkużati. Infatti, r-raba' paragrafu ta' dan l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża espressament jgħid "irriżulta ukoll li Domenic Zammit u Joseph Fenech kienu qegħdin jixtru dawn iċ-ċekkijiet foloz minn Ruma u kienu, flimkien ma' Martin Zammit, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja qegħdin jagħmlu użu minnhom hawn Malta";

Dan isaħħaħ il-konvinzjoni ta' din il-Qorti illi bid-difetti kollha illi dan l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża kien jippreżenta f'kemm dik li hija deskrizzjoni tal-fatti kif ukoll għall-parti akkużatorja, ċertament kien il-każ li jkun hemm ir-rimedju tal-korrezzjoni;

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan iwassal għal żewġ konklużjonijiet fondamentali u ċjoè:

Illi mhijiex korretta s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi taħt l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża ma kinux qegħdin jiġu akkużati b'reat; u

Illi kull korrezzjoni li setgħet issir mill-Ewwel Onorabbli Qorti purchè ma tagħmilx ir-reat aktar gravi kienet opportuna f'dawn iċ-ċirkostanzi;

Jiġifieri qed jiġi deċiż għal kull fini u effett tal-liġi, illi tenut kont ta' l-ewwel kap ta' l-akkuża kif oriġinarjament ippreżentat mill-Avukat Ġenerali, id-difetti kollha illi rrilevaw l-akkużati, kif ukoll del resto anke rrikonoxxa l-Avukat Ġenerali u ddeskriviet tant tajjeb l-Ewwel Onorabbli Qorti, taħt ebda ċirkostanza ma setgħu jwasslu biex jista' jingħad illi kienu tali illi jeskludu l-possibilità ta' korrezzjoni. Anzi, din il-Qorti tosserva, dawn kienu talli illi kienu jirrikjedu korrezzjoni fil-parametri ta' l-artikolu 597 tal-Kodiċi Kriminali;

Konsegwentement, il-konklużjoni l-oħra illi l-Qorti evidentement trid tasal għaliha hija illi, una volta l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx lanqas sodisfatta illi l-*iter* tal-ġustizzja kien sejjer ikun servut aħjar mill-mod li l-Avukat Ġenerali kien qed jitlob li jiġi korrett l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuża, kellha kull dritt li tassigura li l-istess kap jiġi korrett in sintonija ma' l-artikoli 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali li kienu l-bażi ta' l-istess akkuża;

Għalhekk din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-Ewwel Onorabbli Qorti b'dak illi għamlet assumiet il-vesti ta' l-Avukat Ġenerali fil-funzjoni tiegħu ta' prosekutur pubbliku ġenerali meta għamlet korrezzjoni kif jidhrilha hi. Il-liġi hija ċara f'dan ir-rigward u l-artikolu 597 (1) tal-Kodiċi Kriminali jagħti d-dritt lill-Qorti *ex officio* illi purchè ma jiżdied xejn fl-att ta' l-akkuża li jkun jista' jagħmel iżjed

gravi r-reat, tagħmel *ex officio* dawk il-korrezzjonijiet meħtieġa. F'dan il-każ taħt ebda ċirkostanza ma jista' jingħad li r-reat sar aktar gravi, ir-reat dejjem kien dak li hu kkontemplat fl-artikolu 184 b'referenza għall-artikolu 183 u l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u bil-korrezzjoni awtorizzata magħmula *ex officio* mill-Ewwel Onorabbli Qorti, ma tbiddilx kif lanqas sar iktar gravi;

Il-kumplament ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużati jew ta' uħud minnhom illi effettivament ġew deċiżi mill-Ewwel Qorti kienu evidentement, kif ingħad diġà, jiddependu mill-eżitu tal-vertenza li għadha kemm ġiet deċiża minn din il-Qorti. Huwa ovvju illu una volta din il-Qorti qed tiddeċidi illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet korretta fil-mod kif iddeċidiet illi tordna *ex officio* l-korrezzjoni ta' l-att ta' l-akkuża, huwa inkombenti fuq din il-Qorti illi tikkonferma ukoll il-kumplament tas-sentenza appellata in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet imsemmija u deċiżi fl-istess sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi, l-appelli kollha qegħdin jiġu respinti u s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti qed tiġi kkonfermata *kif inhi*;

L-atti qed jiġu rimessi lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.